**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

ILLUM 12 ta' April 2016

Il-Pulizija

(Spetturi Christopher Pullicino u

Malcolm Bondin)

vs

Liam Camilleri

Il-Qorti,

Rat, Semghat u ikkonsidrat;

L-imputat (karta ta' identita' numru 228992m) kien originarjament akkuzat li fl-arja tal-parkegg gewwa Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, fl-1 ta' Gunju ghal habta tat-8.15 ta' filghaxija:

1. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Emanuel Schembri jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta u bil-ponta lil istess Emanuel Schembri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Schembri, skond kif iccertifika Dr Malcolm Caruana M.D., liema offizi gew maghmula b'arma regulari;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra il-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regulari;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe ghamel hsara fuq il-vettura tat-tip Nissan Terrano b'numru ta' registrazzjoni SIX676 li ma tiskorrix €1,164.69 imma tiskorri €116.47 ghad-dannu ta' Emanuel Schembri u/jew persuni ohra;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Emanuel Schembri;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti kienet mitluba li tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 kontra l-imputat biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Emanuel Schembri u tikkondanna l-imputat ghal hlas tal-ispejjes in konnessjoni mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tac-citat Kap 9.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Permezz tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-attentat ta' qtil ma baqghetx tigi sostnuta u minflok gie introdott l' attentat ta' ferita gravissima u subordinatament dik tal-ferita gravi. Mill-bqija gew sostanzjalment sostnuti l-akkuzi originali. Intant, l-imputat kien inizjalment mixli flimkien ma' ommu u huh li stante l-ammissjoni ghal dawk mill-akkuzi li kienu riferenti ghalihom, l-kawza taghhom ghaddiet in gudikat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn: omm l-imputat u l-parti leza sa recenti l-incident odjern kienu f'relazzjoni ma' xulxin. Din twaqfet hesrem mill-parti leza meta ried jirrikoncilja ma' martu. L-incident relatat ma dawn il-proceduri sehh proprju ghaliex il-parti leza ried jirripristina din ir-relazzjoni billi r-rikonciljazzjoni ma' martu kienet falliet. Mhux rilevanti ghaliex omm l-imputat ma riditx. Jirrisulta, izda, li fil-gurnata *de quo* l-parti leza mar fejn tabita l-omm ma' uliedha biex jipprova jipperswadiha. Hassu urtat meta osserva l-omm u l-imputat nizlien t-tarag ta' fuq barra l-appartament ghaliex meta kien cempel xi hin qabel l-imputat kien qallu li ommu kienet harget. Hawnhekk l-kwerelant kien jinsab ipparkeggjat barra l-arja tal-parkegg biswit l-korp tal-appartamenti u saq ghal gewwa l-parkegg meta ra lill-imputat ma' ommu fl-indana barra l-appartament taghhom kif intqal. Jirrisulta li l-kwerelant hawnhekk prova jhebb ghal-imputat u spicca jissielet mal-omm meta hi intromettiet bejnithom. Mid-dehra s-sitwazzjoni skalat tali li l-imputat dahal gewwa sab mus u bih ta' daqtejn lill-parti leza f'daru.

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, l-abbli difensur, qajjem id-difiza tal-legittima difeza. Fil-kuntest ta' din id-difiza huwa risaput li biex treggi, d-dannu jew il-perikolu, jirid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Ezaminati dawn ir-rekwisiti fil-kuntest tal-odjerni proceduri l-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel tnejn jissusistu bil wisq car: dwar li il-perikolu kien ingust dan jirrisulta principalment ghaliex provokat esklusivament mill-parti leza li nonostante ir-rifjut ta' omm l-imputat mar appositament fejn toqghod u nfexx fl-imputat billi hebb ghalih fuq il-premessa frivola li meta cempel lill-ommu ftit qabel ma sehh l-incident meritu l-kawza, hu, ossija l-imputat, kien qallu li ommu ma kinitx hemm; kien ukoll gravi stante l-fatt tal-aggressjoni mill-kwerelant sija fuq l-imputat, kif intqal, li imbaghad kompliet fuq l-omm u huh. Dwar jekk kienitx inevitabbli?. Il-Qorti hawnhekk tistqarr li dan ir-rekwisit tal-inevitabilita' ma jirrisultax

u dan qeghdha taffermah u ssostnih minhabba li s-sitwazzjoni ma kinitx tali li kienet tirrikjedi li l-imputat imur jigbor mus mid-dar u jolqot l-parti leza sahansitra f'daru anka jekk ghall-grazzja tal-argument il-parti leza kien f'dak il-mument qieghed jissielet ma' huh.

Fir-rigward l-entita' u l-gravita' taz-zewg feriti fuq dar il-parti leza ssir riferenza ghax-xhieda tat-tabib Malcolm Caruana (folio 90 et seq) u r-rapport tat-Tabib Mario Scerri (senjatament a folio 294) li minnhom johrog li dik fuq il-lemin tad-dar kienet ta' natura gravissima ghall-fatt biss li ippenetrat wahda mill-kavitajiet tal-gisem, precisament il-kavita' toracika. F'da n il-kuntest pero' fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju (folio 551) l-Avukat Generali jixli l-imputat b'attentat ta' ferita gravissima u l-ikkagunar ta' ferita gravi.

Tabilhaqq, pero', ghalkemm l-att tal-imputat mhux gustifikabbli f'ghanejn il-ligi hu certament skusabbli fit-termini tal-Artikolu 230 paragrafi (b)(c)(d) moqri flimkien mal-Artikolu 227 paragrafu (c) u paragrafu (d). U hi il-fehma tal-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha u dan indipendentement mill-assunzjoni tal-parti leza tar-responsabilita' ghall-akkadut li ssib l-imputat hati taht l-Artikolu 233(1)(a) tal-Kap 9.

Hasbet fuq jekk il-kaz kienx wiehed ta' eccess ta' legittima difeza izda ikkonkludiet mix-xhieda in atti u l-istqarrija tal-imputat li dan ma kienx il-kaz.

Fir-rigward l-akkuzi l-ohra li jittrattaw:

i. il-garr ta' strument li jaqta' u bil-ponta;
ii. il-hsara allegatament ikkagjonata lill-vettura tal-parti leza tat-tip Nissan Terrano numru ta' registrazzjoni SIX676;
iii. l-offizi kontravenzjonali tal-ingurji u theddid u tal-ksur tal-bon ordni,

jinghad is-segwenti:

- rigward l-offizi kontravenzjonali li f'kull kas japplika l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9;
- dwar l-hsara fuq il-vettura Nissan m'hemmx provi; lanqas ma tirrisulta pruvata la mir-ritratti mehuda mis-SOCO fl-ambitu tal-inkjesta magisterjali u addirittura eskluza mill-perit arkitett nominat fl-istess inkjesta;
- dwar is-sikkina hemm l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu u hemm l-prova ta' fejn instabet. Fuq daqshekk l-Qorti tqis din l-akkuza pruvata malgrad li ma jirrisultax li giet materjalment esebita jew wkoll ezaminata ghal finijiet tad-DNA.

Rat ghalhekk l-Artikolu 233(1)(a), 41(a), 218, 216, 338(dd), 17(d) u 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 6(1), 51(7) tal-Kap 480. Issibu hati fil-konfront l-attentat ta' ferita gravi u tal-ferita gravi bl-attenwanti kif fuq spiegat u hati rigward s-sikkina. Tikkundannah €116 fir-rigward din l-ahhar akkuza u tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum fuq dawk mill-akkuzi li iddikjaratu hati. Tilliberah mill-bqija.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati fl-inkjesta hlief ghal dawk konnessi mad-DNA (Dottoressa Marisa Cassar), tal-espert tal-informatika (Dr Martin Bajada), u ta' Dottor Mario Scerri sakemm ma jikkoncernax r-rapport tieghu fuq l-imputat.

Lanqas mhu l-lok li tipprovdi ghas-sigurta tal-parti leza.

Fl-ahharnett l-Qorti spiegat r-responsabiltajiet tal-imputat skond is-sentenza.

A.M. Trigona LL.D., Mag. Jur. (EU Law)
Magistrate